A.L. 102 ta' l-2008

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti ta' l-2008 dwar Proċedura ta' Dħul Speċjali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għal Finijiet ta' Riċerka Xjentifika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4A u 36 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

TAQSIMA I

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Proċedura ta' Dħul Speċjali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għal Finijiet ta' Riċerka Xjentifika.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxi kundizzjonijiet għad-dħul ta' riċerkaturi minn pajjiżi terzi f'Malta għal żmien iżjed minn tliet xhur għall-finijiet li jagħmlu proġett ta' riċerka taħt ftehim ta' ospitar li jsir ma' xi organizzazzjoni ta' riċerka.

(3) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar Proċedura speċifika għad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"il-Bord " tfisser il-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni mwaqqaf taħt l-artikolu 25A ta' l-Att;

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kull persuna li ma tkunx ċittadin ta' Stat Membru;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur għal Affarijiet dwar ċittadinanza u *Expatriates*;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija;

"organizzazzjoni ta' riċerka" tfisser kull organizzazzjoni pubblika jew privata li tkun tagħmel riċerka u li tkun ġiet approvata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti mill-Kunsill skond dawk il-proċeduri li l-Kunsill jista' joħroġ minn żmien għal żmien;

"permess ta' residenza" li fuqha jkollha miktuba l-kelma "riċerkatur" tfisser permess ta' residenza uniformi maħruġ taħt ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Immigrazzjoni, lil riċerkatur;

A.L. 205 ta' l-2004.

"riċerka" tfisser xogħol kreattiv li jsir fuq bażi sistematika sabiex ikun jista' jitkattar l-għerf, inkluż dak l-għerf li jirrigwarda lill-bniedem, il-kultura u s-soċjetà, u l-użu ta' din il-ħażna għerf bil-għan li jiġu ivventati applikazzjonijiet ġodda;

"riċerkatur", għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu kwalifika ta' edukazzjoni adatta li tagħti aċċess għal programm ta' dottorat, li jintgħażel minn organizzazzjoni ta' riċerka biex jagħmel proġett ta' riċerka li dwaru tkun normalment meħtieġa kwalifika bħal dik;

"Stat Membru" tfisser Stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif japplikaw dawn ir-regolamenti.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jidħlu f'Malta għall-fini li jagħmlu proġett ta' riċerka:

Iżda dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' pajjiż terzi:

(a) li jkunu qegħdin Malta jew f'xi Stat Membru ieħor bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew li jkunu joqgħodu hemmhekk taħt xi skema ta' protezzjoni temporanja;

(b) li jkunu applikaw biex jirrisjedu Malta bħala studenti taħt il-kundizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-finijiet ta' Studju;

A.L. 29 of 2008.

(ċ) li t-tneħħija tagħhom minn Malta tkun ġiet sospiża skond m'hemm fl-Att;

(d) li jkunu riċerkaturi sekondati minn organizzazzjoni ta' riċerka fi Stat Membru ieħor lil organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta.

TAQSIMA II

ORGANIZZAZZJONIJIET TA' RIĊERKA

Approvazzjoni.

4. (1) Organizzazzjoni ta' riċerka li tkun trid tistieden lil xi riċerkatur taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għandha tkun approvata għal dak l-għan mill-Kunsill skond proċeduri li jiġu stabbiliti minnu.

(2) L-approvazzjoni li tingħata mill-Kunsill taħt is-subregolament (1) għandha tibqa' valida għal żmien mhux inqas minn ħames snin jew, f'każijiet eċċezzjonali, għal żmien iqsar.

(3) F'Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jippubblika lista ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti fil-Gazzetta fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Kunsill.

(4) Il-Kunsill għandu jiċħad milli jġedded jew għandu jirtira l-approvazzjoni li jkollha organizzazzjoni ta' riċerka:

(a) li ma tkunx għadha tikkonforma ruħha mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill għall-finijiet tas-subregolament (1) u tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tar-regolament 6; jew

(b) li tonqos milli tipprovdi lill-Kunsill, fi żmien xahrejn mid-data ta' l-iskadenza tal-ftehim ta' ospitar imsemmi fir-regolament 5, konferma li x-xogħol ikun sar għal kull proġett ta' riċerka li dwaru jkun ġie iffirmat il-ftehim ta' ospitar; jew

(ċ) f'dawk il-każijiet fejn l-approvazzjoni tkun inkisbet b'mod frawdolenti; jew

(d) fejn dik l-organizzazzjoni ta' riċerka tkun iffirmat ftehim ta' ospitar ma' ċittadin ta' pajjiż terz b'mod frawdolenti jew negliġenti.

(5) Meta tkun ġiet miċħuda jew irtirata xi approvazzjoni għal xi organizzazzjoni ta' riċerka għar-raġunijiet imsemmija fis-subregolament (4), dik l-organizzazzjoni m'għandhiex terġa' tapplika mill-ġdid għall-approvazzjoni għal dak iż-żmien li jiġi hekk stabbilit

mill-Kunsill u dak iż-żmien m'għandux ikun jeċċedi l-ħames snin mid-data ta' l-avviż tad-deċiżjoni fuq l-irtirar jew fuq it-tiġdid li ma jsirx.

Ftehim ta' ospitar.

5. (1) Organizzazzjoni ta' riċerka li tkun trid tistieden lil xi riċerkatur għandha tiffirma ftehim ta' ospitar ma' dak ir-riċerkatur skond proċeduri li jiġu stabbiliti mill-Kunsill u bla ħsara għall-kundizzjonijiet li hemm fir-regolament 6, li bihom ir-riċerkatur jintrabat li jtemm il-proġett ta' riċerka u l-organizzazzjoni tintrabat li tistieden lil dak ir-riċerkatur għal dak l-għan.

(2) Il-ftehim ta' ospitar għandu jiskadi awtomatikament meta r-riċerkatur ma jiddaħħalx f'Malta jew meta tintemm ir-relazzjoni legali, li hemm provdut dwarha fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 6, bejn ir-riċerkatur u l-organizzazzjoni ta' riċerka.

(3) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kunsill b'kull ġrajja li x'aktarx tipprevjeni l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' ospitar.

TAQSIMA III

DĦUL TA' RIĊERKATURI

Kundizzjonijiet għad-dħul.

6. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz li jkun irid jiddaħħal għall-finijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għandu jippreżenta applikazzjoni għal permess ta' residenza lid-Direttur, kemm jekk ikun qiegħed jirresjedi Malta jew barra minn Malta:

Iżda, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' residenza li l-applikant jista' jkun igawdi f'Malta, applikazzjoni bħal dik għandha tkun ikkunsidrata mid-Direttur filwaqt li l-applikant ikun qiegħed jirresjedi barra minn Malta.

(2) Flimkien ma' l-applikazzjoni li huwa jagħmel, l-applikant għandu jippreżenta:

(a) dokument ta' l-ivvjaġġar validu mill-inqas għal kemm idum jiswa l-permess ta' residenza;

(b) il-ftehim ta' ospitar, li għandu jkun jispeċifika r-relazzjonijiet legali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkatur, iffirmat kif imiss mir-riċerkatur u mill-organizzazzjoni ta' riċerka, sakemm ikunu tħarsu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-proġett ta' riċerka ikun ġie aetat mill-awtoritajiet rilevanti fl-organizzazzjoni ta' riċerka, wara li dawk l-awtoritajiet ikunu eżaminaw l-għan, għal kemm żmien dik ir-riċerka tkun ser iddum, id-disponibilità tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex dan ikun jista' jsir u l-kwalifiki li r-riċerkatur ikollu, fil-kuntest ta' objettivi tar-riċerka, u għandha tingħieb prova dwar dawk il-kwalifiki permezz ta' kopja awtentikata tal-kwalifika relattiva;

(ii) matul iż-żmien kollu li jdum Malta, ir-riċerkatur għandu jkollu riżorsi biżżejjed ta' kull xahar ekwivalenti għal, mill-inqas, l-ammont tal-paga minima nazzjonali f'Malta b'żjieda ta' għoxrin fil-mija *income* ieħor jew riżorsi għal kull membru tal-familja mingħajr il-ħtieġa li persuna tirrikorri għas-sistema ta' assistenza sojali f'Malta, u l-ispejjeż biex tagħmel il-vjaġġ lura;

(iii) matul iż-żmien kollu li jdum Malta, ir-riċerkatur ikollu assigurazzjoni għal kontra l-mard u kontra kull riskju skond ma normalment ikunu koperti biha ċ-ċittadini Maltin għalihom infushom u għall-familja tagħhom;

(ċ) dikjarazzjoni mill-organizzazzjoni ta' riċerka dwar ir-responsabbiltà finanzjarja tagħha, li għandha ttemm, sa l-aktar tard sitt xhur wara li jintemm il-ftehim ta' ospitar, li meta r-riċerkatur jibqa' illegalment f'Malta, dik l-organizzazzjoni tkun responsabbli għar-rimbors ta' l-ispejeż li jkollhom x'jaqsmu maż-żmien li matulu jkun qiegħed Malta u r-ritorn tiegħu, jekk dawk l-ispejjeż isiru mill-Gvern ta' Malta.

Permessi ta' residenza.

7. (1) Meta d-Direttur ikun sodisfatt li l-kundizzjonijiet tad-disposizzjonijiet tar-regolament 6 jkunu tħarsu, u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ikkunsidrat li jkun theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà pubblika u għas-saħħa pubblika, id-Direttur għandu javża liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ser jinħariġlu permess ta' residenza.

(2) Ir-riċerkatur għandu jingħata kull faċilità li jikseb viża, meta din tkun meħtieġa, sabiex ikun jista' jidħol Malta.

(3) Id-Direttur għandu joħroġ permess ta' residenza lir-riċerkatur li jkun ċittadin ta' pajjiż terz għal żmien sena, u dan għandu jiġġedded, jew għal kemm żmien idum għaddej il-proġett jekk dan ikun ippjanat li jdum għal inqas minn sena:

Iżda d-Direttur m'għandux iġedded dak il-permess jekk il-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament 6 ma jkunux għadhom aktar jeżistu.

Id-Direttur jista' jirtira eċċ. permess ta' residenza.

8. Id-Direttur jista' jirtira jew jiċħad li jġedded permess ta' residenza maħruġ taħt dawn ir-regolamenti:

(a) meta l-permess ta' residenza jkun inkiseb b'mod frawdolenti;

(b) kull meta d-Direttur ikun jidhirlu li d-detentur ma jkunx ikkonforma ruħu, jew ma jkunx għadu jikkonforma ruħu, mal-kundizzjonijiet għal dħul u residenza provduti bir-regolament 6;

(ċ) kull meta d-Direttur ikun jidhirlu li d-detentur ikun qiegħed jirrisjedi għal finijiet li m'humiex dawk li huwa jkun ġie awtorizzat jirrisjedi minħabba fihom;

(d) għal-raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

Membri tal-familja.

9. Dawn il-membri tal-familja tar-riċerkatur li ġejjin għandhom jitħallew jakkumpanjawh jew jingħaqdu miegħu matul il-perjodu ta' validità tal-permess ta' residenza li jkollu:

(a) martu jew żewġha:

Iżda fil-każ ta' żwieġ poligamu, meta r-riċerkatur diġà jkollu konjuġi f'Malta, id-Direttur m'għandux jawtorizza li jkun hemm konjuġi ulterjuri ma' dak ir-riċerkatur; u

(b) it-tfal minuri mhux miżżewġin tar-riċerkatur u tal-konjuġi, inklużi tfal adottati.

Permess ta' residenza għal membri tal-familja.

10. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, membru tal-familja li jkun irid jirrisjedi Malta mar-riċerkatur għandu, wara li japplika għand id-Direttur, jinħariġlu permess ta' residenza li jkun validu għal kemm żmien idum il-permess ta' residenza tar-riċerkatur, sakemm il-perjodu ta' validità tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar li jkollhom ikun jippermetti li jsir dan:

Iżda f'każijiet li jkunu ġustifikati kif imiss, jista' jitqassar iż-żmien kemm idum validu dak il-permess ta' residenza.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni dwar l-impjieg li tinsab provduta fl-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, il-konjuġi jkun jista' jaħdem f'dak iż-żmien li matulu l-permess ta' residenza jkun validu.

TAQSIMA IV

JEDDIJIET LI GĦANDHOM IR-RIĊERKATURI

Attivitajiet ta' tagħlim.

11. Ir-riċerkatur jista' jwettaq attivitajiet ta' tagħlim skond linji direttivi li jinħarġu mill-Kunsill.

Trattament ugwali.

12. Riċerkaturi li jkollhom permess ta' residenza jkollhom jedd għal trattament ugwali bħal ċittadini dwar:

(a) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra skond l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u kull regolamenti magħmulin taħtu, u kull liġi rilevanti oħra; Cap. 451.

(b) kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol, inklużi l-ħlas u t-tkeċċija;

(ċ) fergħat tas-sigurtà soċjali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom, għal membri tal-familji tagħhom li jkunu qegħdin jagħmlu moviment fil-Komunità:

Iżda d-disposizzjonijiet speċjali fl-Anness mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 ta' l-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex diġà koperti b'dawn id-disposizzjonijiet unikament abbażi taċ-ċittadinanza tagħhom, għandhom ikunu japplikaw skond hekk;

(d) benefiċċji tat-taxxa;

(e) aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista ta' oġġetti u servizzi li tkun disponibbli għall-pubbliku.

Dħul ta' riċerkaturi minn Stat Membru ieħor.

13. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz li jkun iddaħħal bħala riċerkatur fi Stat Membru ieħor għandu jkun permess li jwettaq parti mir-riċerka tiegħu f'Malta bla ħsara għal dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Jekk il-qagħda tar-riċerkatur f'Malta ma tkunx teċċedi perjodu ta' tliet xhur, ir-riċerka tkun tista' ssir abbażi tal-ftehim ta' ospitar li jsir fl-ewwel Stat Membru, sakemm ir-riċerkatur ikollu riżorsi biżżejjed f'Malta kif stabbilit f'subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 6 u ma jkunx

ikkunsidrat bħala li hu ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika f'Malta;

(b) Jekk il-qagħda tar-riċerkatur f'Malta tkun teċċedi perjodu ta' tliet xhur, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 6.

(2) Meta viża jew permess ta' residenza ikun meħtieġ għar-riċerkatur biex imexxi r-riċerka meħtieġa, l-applikazzjoni relattiva għandha tiġi ippreżentata, u l-viża jew il-permess ta' residenza għandhom jinħarġu, fi żmien xieraq:

Iżda r-riċerkatur ma jkunx meħtieġ li jitlaq minn Malta sabiex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għall-viża jew il-permess ta' residenza meħtieġa.

TAQSIMA V

PROĊEDURI

Salvagwardji proċedurali.

14. (1) Id-Direttur għandu jadotta deċiżjoni fuq l-applikazzjoni kemm jista' jkun malajr u, meta jkun adatt, jipprovdi biex isiru proċeduri aċċelerati:

Iżda jekk l-informazzjoni li tingħata b'sostenn ta' l-applikazzjoni ma jkunx adegwat, l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni tista' tiġi sospiża u d-Direttur għandu jgħarraf lill-applikant b'kull informazzjoni ulterjuri li tista' tkun meħtieġa.

(2) Meta d-Direttur ikun ħa deċiżjoni li jiċħad applikazzjoni għal permess ta' residenza, huwa għandu javża bil-miktub liċ-ċittadin tal-pajjiż terz involut bid-deċiżjoni tiegħu u bid-dritt li jkollu dwar il-proċeduri ta' rimedju li jkollu disponibbli u t-terminu biex tkun tista' tittieħed azzjoni dwar dak ir-rimedju.

(3) Meta applikazzjoni tinċaħad, jew permess ta' residenza, maħruġ skond dawn ir-regolamenti, jiġi irtirat, il-persuna involuta għandu jkollha d-dritt ta' appell quddiem il-Bord .